MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 30/2002

Rikors Nru: 30/2002

Kummissarju tal-Art

Vs

B & B Properties Development Company Ltd

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta l-Art li jesponi bir-rispett

Illi s-Socjeta intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 31 ta' Mejju 2000 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'San Gwann, tal-kejl ta cirka 121 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma triq pubblika, min-Nofs in-Nhar ma proprjeta ta Joseph Borg u mill-Punent ma proprjeta ta Emmanuel Sciberras, liema art hija meqjusa bhala art fabbrikabbli fit-Termini tal-

Ordinanza dwar l-Akkwist t'Artijiet huwa ta seba t'elef u tmien mitt Lira Maltija (Lm7800) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A & CE tat-3 ta Frar, 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma l-istess Avvis ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta Settembru 2002 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta tnejn u tletin elf Lira Maltija (Lm32000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-Socjeta Intimata biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta xiri assolut bhala franka u libera il-bicca art f'San Gwann fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta tas-Socjeta intimata B & B Properties Development Company Limited li tesponi bir-rispett

Illi l-offerta proposta mir-rikorrenti ta sebat elef u tmin mitt Liri Maltin (Lm 7800) bhala kumpens li l-Awtorita kompetenti hija lesta li thallas lill-istess socjeta intimata ghall-espropriazzjoni ta bicca art f'San Gwann, tal-kejl circa 121 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma triq pubblika, min-Nofsinhar ma proprjeta ta Joseph Borg u mill-Punent ma proprjeta ta Emmanuel Sciberras, ma hijiex accettabbli.

Illi s-socjeta intimata minflok tesigi lil-kumpens dovut lilha ghall-esproprjazzjoni ta l-imsemmija bicca art ghandu jkun ta tnejn u tletin elf Liri Maltin (Lm32000) ghar-ragunijiet indikati fl-anness certifikat tal-Perit Adrian Falzon datat 10 ta Settembru 2002, markat Dok "X".

Ghaldaqstant, is-socjeta intimata titlob li dan il-Bord joghgbu jiffissa tali ammont ta tnejn u tletin elf Liri Maltin (Lm32000) bhala kumpens xieraq li ghandu jithallas mir-rikorrenti lis-socjeta intimata ghall-espropriazzjoni ta bicca art f'San Gwann, tal-kejl ta circa 121 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma triq pubblika, min-Nofsinhar ma proprieta ta Joseph Borg u mill-Punent ma proprieta ta Emmanuel Sciberras.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra d-digriet tieghi li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Godfrey Vella u l-AIC Michael Refalo

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti li ghamlu access fuq il-qasam fis-7 ta' Mejju 2004 li ikkwalifikaw li l-art hija fabbrikabbli, liema relazzjoni tghamel parti shiha minn din is- sentenza.

Jilqa it-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata tittrasferixxi favur tieghu b'titolu ta bejgh assolut bhala libera u franka l-art fuq imsemmija skond il-pjanta ta l-AIC Oscar Attard Montaldo bid-data tas-16 ta Frar 1983 esebita fl-atti bil-kumpens ta wiehed u ghoxrin elf, seba mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm21,768); jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minfloku biex jippubblika l-att opportun fil-21 ta Novembru 2005 fl-ufficcju tar-rikorrent fid-9.30 am; jahtar lid-Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. Ir-relazzjoni tal-periti fuq imsemmija taghmel parti shiha ta din is-sentenza. L-intimat ghandu jgharraf lil kuratirici bil-jum u l-hin tal-pubblikazzjoni ta l-Att. Il-Bord jordna l-isfilz tad-dokument a fol 8 li ghandu jmur quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri u t-Tigdid tar-Raba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------